2.1 The scheme is for a grant intended for established Importers of new vehicles and their current Service Garages, as well as Operators of Vehicle Leasing Companies and their currently licenced Public Service Garages, to cater for the maintenance of new or leased Electric vehicles, Plug-in Electric, Plug-In Hybrid, Range Extender Vehicle models currently both on the Maltese car market and new vehicles intended to be introduced on the Maltese new car market.

The grant can also be used for/or in conjunction with staff training and re-training of staff working within the service garages, as well as for the installation of EV charging pillars.

2.2. The scheme consists of a grant of a maximum of €25,000 per new Applicant. The conditions bonding the Applicants to this grant include:

A full justification and description (including technical literature) of the intended investment;

The engagement of the Applicant into an effective market penetration (making available for sale or leasing) of electric vehicles;

The expenditure of a minimum of €10,000 by the Applicant on the same upgrade of the Service Garage;

Staff Training may be included in the Project;

Soġġett għal dawn il-kundizzjonijiet, l-Iskema hija miftuħa sal-31 ta' Diċembru, 2019 bil-preċedenza tingħata skond l-ordni li biha jidħlu l-applikazzjonijiet.

L-applikant jobbliga ruħu li juża l-fondi allokati lilu sa' mhux iżjed tard mill-31 ta' Diċembru, 2019;

Taħt din l-iskema, progetti li saru fl-2018 u ghall liema ma gewx sottometti applikazzjonijiet ghal rifuzjoni huma ukoll eligibbli mill-1 ta' Jannar, 2018.

L-għotja allokata hija konformi mar-Regoli dwar Għajnuniet mill-Istat.

L-applikant għandu japplika minn qabel mal-awtoritjiet konċernati qabel ma jkun jista' jitlob il-ħlas sabiex tiġi verifikata d-Dikjarazzjoni dwar Għajnuniet mill-Istat.

Kull Importatur u Operatur eliġibbli huwa intitolat għal għotja waħda biss taħt din l-Iskema.

L-Importaturi li jieħdu l-għotja taħt l-Iskema jkunu obbligati li jikkommettu ruħhom għall-introduzzjoni ta' mill-inqas mudell ġdid ta' vetturi elettrici inkluz, REEV u PHEV fis-suq lokali u li bħalissa ma jinsabx għall-bejgħ fis-suq u li għandhom jiġu importati, introdotti u mqiegħda fis-suq għall-bejgħ lill-konsumaturi f'pajjiżna sa' mhux iżjed tard minn Jannar 2020.

Operaturi ta' garaxxijiet ta' self jew kiri ta' vetturi jikkommettu ruħhom li joffru sa' mhux inqas minn għaxar (10) vetturi elettrici, REEV's jew PHEV bħalha parti mill-flotta tagħhom.

F'kaz ta' operaturi, dawn iridu jipposedu ghandhom ic-ċertifikat tar-reġistrazzjoni ta' kull vettura li trid tkun irregistrata fuqhom.

L-applikant irrid jara li ma jaqbiżx l-ammont kif stabilit bħala parti mir-Regolamenti De Minimis.

3. Metodu ta' kif tapplika u dokumenti meħtieġa

(i) L-applikant għandu japplika għal għotja taħt din l-Iskema billi jimla l-formola annessa bħala Skeda ma' din l-Iskema bl-informazzjoni, dettalji u dokumentazzjoni kollha meħtieġa kif indikat fil-formola u kif meħtieġ skond l-Iskema.

(ii) Flimkien mal-applikazzjoni għandhom jiġu ppreżentati dawn id-dokumenti:

(a) Kopja ta' dokument validu ta' identita' tal-applikant;

The scheme is open (subject to listed conditions below) till the 31st December, 2019 and on a first come first serve basis;

The applicant would have to commit that funds allocated are committed by 31st December, 2019;

Under this scheme, projects carried out in 2018 and for which applications have not been yet submitted are also eligible for a payment refund from 1st January, 2018.

The allocated grant is in conformance with State Aid Rules.

Applicant is to pre-apply with the Authorities before claiming any expenses to verify State Aid Declaration.

Every eligible company shall be entitled to only one grant under this scheme.

Car importers will have to commit to the introduction of new Plug-in Electric Vehicle, models including REEV , and Plug-in Hybrid electric vehicles on the Maltese Market which will be imported, introduced and placed for sale in Malta by not later than January 2020;

Vehicles' Lease Operators should commit themselves to have a minimum of ten (10) electric vehicles or PHEVs registered on the same company as part of their leasing fleet.

In case of Transport Operators, these have to be in possession of a certificate of registration of each vehicle registered on their name.

Applicants have to ensure that they do not exceed the thresholds established in the De Minimis Regulations.

3. Manner of application and supporting documents

(i) An application for a grant under this scheme shall be made by the Applicant in the form set out in the schedule to this scheme and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications shall be accompanied by the following documents:

(a) copy of a legally valid identification document of the applicant (identity card);

(b) Dokument iffirmat mill-awditur tal-kumpanija li jiċċertifika l-ispejjeż totali inkorsi mill-benefiċjarju tal-proġett ta' upgrading, liema somma totali għandha tkun ta' mhux anqas minn €10,000.

(c) L-irċevuta fiskali riferibbli għall-ispejjeż ta' mhux inqas minn €10,000 diġa nkorsi mill-benefiċjarju jew inkella fattura proforma tal-invesitment illi l-benefiċjarju għandu l-ħsieb illi jagħmel mill-fondi tiegħu personali għall-finijiet tal-upgrading (b'danapero li, jekk l-investiment ma jsirx kif indikat, il-fondi allokati għandhom jitħallsu lura lill-awtoritajiet rispettivi).

(iii) L-applikazzjonijiet taħt din l-Iskema, flimkien mad-dokumentazzjoni kollha relattivi, għandhom jintbagħtu jew jittieħdu bl-idejn mill-applikant lit-Taqsima tal-Liċenzjar tal-Vetturi, Triq l-Arkata, Rahal Gdid, bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar (12.00pm) fil-ġranet ta' xogħol.

4. Eliġibbiltà

Biex ikun eliġibbli taħt l-Iskema, applikant irid ikun ilu reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti bħala Importatur u Operatur fil-kiri ta' vetturi qabel l-1 ta' Jannar, 2018.

5. Ħlas tal-Għotja

Meta applikant jikkwalfika għal għotja, l-għotja tingħata minn Transport Malta u ma titqiesx bħala dħul għall-finijiet tat-taxxa fuq id-dħul (IncomeTax). Dawk il-kumpaniji illi japplikaw għal għotja xorta jkollhom id-dritt li jibbenefikaw minn inċentivi oħra mogħtija mill-Gvern.

Applikanti jistgħu japplikaw għal għotja waħda biss. Jekk jingħataw għotjiet oħra bħal dawn fil-futur, dawk li jibbenefikaw minn din l-għotja jkollhom id-dritt illi jerġgħu japplikaw għal għotjiet addizzjonali. Din il-miżura qiegħda tittieħed biex jingħata inċentiv sabiex issir il-bidla meħtieġa għal użu ta' mezzi ta' trasport li ma jħammġux, u dan speċjalment fir-rigward ta' kumpaniji illi għandhom flotot ta' vetturi.

6. Validita' tal-applikazzjoni

Applikazzjonijiet li ma jimtlewx kif suppost u ma jkunx fihom id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa ma jiġux meqjusa u ma jiġux ipproċessati sakemm ma tiġix ipprovduta l-informazzjoni kollha li jkun hemm nieqsa. L-Awtorità għandha tgħarraf lill-applikant bil-miktub bl-informazzjoni li tkun meħtieġa.

(b) Documentation, signed by the Company's Auditor certifying the total costs incurred by the beneficiary on the Upgrading Project, the total sum of which must not be less than €10,000.

(c) the fiscal receipt covering the expenditure of a minimum of €10,000 already incurred by the beneficiary or a proforma invoice of intended investment from its own funds, towards the same Upgrading (if the investment does not materialise as indicated, the funds allocated by the respective authorities will be claimed back);

(iii) Applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted/sent by the Agent to the Vehicle Licensing Unit, Arcade Street, Paola, between 7.30 a.m. and 12.00 noon during working days.

4. Eligibility

To be eligible, the Applicant should have been registered prior to 1st January, 2018 with the respective Authorities.

5. Payment of Grant

Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be granted by Transport Malta and it shall not be assessed as income for income tax purposes. Companies applying for the grant can still benefit from other incentives issued by the Government of Malta

Applicants can apply for a maximum of one grant. If in the future similar grants will be extended, the same companies benefitting from this year's grant can re-apply again for additional grants. This is being done to incentivize the switch for clean transport especially where companies are involved in vehicle fleet management.

6. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided. The Authority shall write to the agent or applicant and advising him of the information required.

7. Rifużjoni tal-għotja f'każ illi ma jiġux milħuqa r-riżultati mixtieqa

L-applikanti ghal din l-iskema huma obbligati li jagħtu prova tal-isforzi li jagħmlu biex jippenetraw is-suq tal-vetturi elettriċi f'Malta, billi jintroduċu mill-inqas mudell ieħor fis-suq tal vetturi elettriċi u dan qabel id-data ta' skadenza msemmija iktar 'il fuq.

F'każ illi l-applikant jonqos milli jimporta mudelli ġodda ta' vetturi elettriċi, kif imfisser f'Sezzjoni 2.2 iktar 'il fuq, huwa jkun obbligat li jirrifondi l-għotja li jkun irċieva lill-Awtorità.

8. Żmien li fih l-Iskema hija miftuħa

L-Iskema tibqa' fis-seħħ għall-perjodu massimu ta' tnax-il xahar b'effett mill-1 ta' Jannar, 2019, sakemm dan it-terminu ma jinbidilx b'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. L-Iskema pero tagħlaq awtomatikament hekk kif l-għotjiet mogħtija jlaħħqu s-somma globali ta' €80,000. Il-Gvern jista' jagħlaq din l-Iskema f'kull ħin billi jagħti pre-avviż u l-Iskema tista' tiġi wkoll imġedda, skond kif jidhirlu li jkun hekk meħtieg il-Ministru, permezz t'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. State Aid

Il-kumpaniji li japplikaw għal għotja taħt din l-Iskema għandhom jassiguraw ruħhom illi huma jaqgħu fil-parametri tar-Regolament de minimis u għandhom jimlew il-formola annessa dwar Għajnuna mill-Istat.

10. Emendi għall-Iskema

Il-Ministru responsabbli għat-Trasport għandu d-dritt li jagħmel dawk l-emendi li jkun jidhirlu meħtieġa għall-Iskema permezz t'Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Talbiet b'qerq

Jekk talba għall-għotja tkun saret b'qerq, il-Ministru responsabbli għat-Trasport jista jirraporta l-każ lill-Pulizija Eżekuttiva b'talba biex jiġu istitwiti proċeduri kriminali kontra l-persuna konċernata. F'każ illi jkun sar ħlas bi żball, il-Ministru jirriserva d-dritt li jeżiġi l-ħlas lura tal-għotja mogħtija. Dan japplika wkoll fir-rigward ta' kumpaniji kummerċjali, b'referenza partikolari għad-dikjarazzjoni dwar l-Għajuna mill-Istat, u l-kumpaniji huma obbligati li jaraw li l-informazzjoni kollha mogħtija hija korretta.

Is-27 ta' Awwissu, 2019

7. Refund of grant if the Market penetration is not achieved

The applicant for this scheme are obliged to provide proof that they have/are engaging into Market penetration (making available for sale) of Electric Vehicles in Malta and Gozo before the expiry of the dates referred to above.

Failure to import new EV Models on the local market, as per commitment in Section 2.2 above, the grant needs to be refunded back to the Authority.

8. Duration of scheme

This scheme shall remain into force for a maximum period of twelve months beginning on the 1st January, 2019 unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. The scheme shall be automatically terminated when the total amount of the grants reach the amount of €80,000. Notwithstanding, Government may terminate the scheme at any time by giving prior notice. The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister by a Notice in the Government Gazette.

9. State Aid

Companies applying for these grants should make sure that they are within the limits of the de minimis Regulation and will have to fill in the attached form on State Aid.

10. Amendments to the scheme

The Minister responsible for transport shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

11. Fraudulent claims

Where a fraudulent claim arises, the Ministry for Transport shall report the matter to the Police in order for criminal procedures to be instituted. In the event of an incorrect payment of a claim, the Ministry for Transport reserves the right to recover funds paid in error. This also applies to Commercial Companies, especially with respect to State Aid Declarations. Companies are to make sure that the information provided is correct.

27th August, 2019

DIKJARAZZJONI DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT *(DE MINIMIS)*

Għotja Finanzjarja mill-Gvern għal Titjieb fil-Garaxxijiet ta' Importaturi ta' Vetturi Elettriċi Ġodda li joffru Servizz ta' Manutenzjoni u Servizz fuq l-Istess Karozzi kif ukoll lill-Operaturi ta' Kiri ta Vetturi Elettriċi li għandhom Garaxx għal Manutenzjoni tal-Flotta Elettrika

Nru ta' Referenza ta' TM: …………………………………….

Jekk l-applikazzjoni li ġiet ippreżentata tiġi approvata, il-proġett jibbenefika minn għajnuna tal-Istat *de minimis* skont ir-*Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna de minimis*.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 jippermetti li intrapriża tirċievi ammont massimu aggregat f'għajnuna *de minimis* ta' €200,000 taħt kull miżura ta' għajnuna *de minimis*, fuq perjodu ta' tliet snin fiskali. Dan il-limitu massimu aggregat huwa applikabbli fil-prinċipju għas-setturi ekonomiċi kollha ħlief għas-settur tat-trasport stradali li għalih hemm limitu aktar baxx ta' €100,000 fuq perjodu ta' tliet snin fiskali konsekuttivi. Is-setturi tal-biedja u s-sajd huma soġġetti għal limiti u kriterji differenti. Għall-fini ta' din id-dikjarazzjoni l-frażi 'impriża wahda'għandu jkollha t-tifsira kif stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 1407/2013 . Barra minn hekk 'sena fiskali' tfisser is-sena fiskali kif użata għall-finijiet ta' taxxa mill-intrapriża konċernata.

Il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna Statali kollha mogħtija taħt din l-iskema u kull miżura oħra ta' għajnuna Statali mogħtija taħt ir-regola tad-*de minimis*. Kull għajnuna *de minimis* mogħtija li teċċedi l-limitu stabbilit għandha tkun irkuprata, bl-interess, mingħand l-intrapriża li tkun qiegħda tirċievi l-għajnuna.

Dan li ġej huwa elenku tal-forom possibbli ta' għajnuna Statali:

- Għajnuniet minn korpi pubbliċi
- Self jew garanziji ta' self b'rati favorevoli
- Benefiċċji tat-taxxa
- Rinunzja jew differiment ta' drittijiet jew interessi li jkunu normalment dovuti
- Assistenza dwar il-*marketing* u r-riklamar
- Konsulenza, taħriġ u sapport ieħor provdut bla ħlas jew b'rata mnaqqsa
- Għajnuna għal investiment fi proġetti jew riċerka u assistenza għall-iżvilupp
- Xiri jew kiri ta' proprjetà mmobbli b'rata li tkun inqas minn dik tas-suq.

Kull għajnuna minn korp pubbliku tista' potenzjalment tikkostitwixxi għajnuna Statali. Jekk ikollok xi dubji dwar jekk għajnuna pubblika li tirċievi hijiex għajnuna *de minimis*, int għandek tikkuntattja lill-aġenzija jew dipartiment li mingħandu tkun irċevejt l-għajnuna biex tiżgura jekk hijiex għajnuna *de minimis* jew le.

DIKJARAZZJONI
Niddikjara li ammont komprensiv ta' għajnuna *de minimis* li rċevejt s'issa matul is-sena fiskali kurrenti u matul is-sentejn fiskali ta' qabel din kien ta':

Sena Fiskali 2017	Sena Fiskali 2018	Sena Fiskali 2019	TOTAL
€	€	€	€

Analiżi statistika tas-sors, tip u ammont tal-għajnuna *de minimis* kollha li rċevejna kif ukoll dik li saret applikazzjoni għaliha mingħand l-Istat, hija ppreżentata hawn wara.

Intrapriża (L-isem legali sħiħ)	Numru tar-Reġistrazzjoni tal-VAT
Isem u konjom (ITTRI KBAR)	Kariga fin-Negozju
Firma	Data

INFORMAZZJONI DETTALJATA DWAR GĦAJNUNA STATALI APPLIKABBLI TAĦT IR-REGOLA TAD-*DE MINIMIS*

(Nota: L-informazzjoni għandha tinkludi kemm l-għajnuna Statali miksuba u wkoll l-applikazzjonijiet għal għajnuna Statali de minimis li jkunu għandhom jistennew l-approvazzjoni mill-entitajiet potenzjali)

Data	**Sors/Min se jagħti l-għajnuna**	**Tip ta' Għajnuna Statali**	**Ammont f'€**
Eżempju: 12/01/2014	*Gvern Ċentrali*	*Self b'interessi baxxi*	*10,000*

STATE AID DECLARATION *(DE MINIMIS)*

Financial Grant for the Upgrading of Service Garages Operated by New Electric Car Importers that Offer Maintenance and Services on the Same Imported Vehicles as well as for Electric Car Hire and Leasing Operators who Operates a Maintenance and Service Garage for their Electric Fleet

If the submitted application is approved, the project will benefit from *de minimis* State aid in line with *Commission Regulation (EU) No. 1407/2013 of 18 December 2013 on the application of Articles 107 and 108 of the Treaty on the Functioning of the European Union to de minimis aid.*

Commission Regulation (EU) No. 1407/2013 allows a 'single undertaking' to receive an aggregate maximum amount of *de minimis* aid of €200,000 under all *de minimis* aid measures, over a period of three 'fiscal years'. This aggregate maximum threshold applies in principle to all economic sectors with the exception of a 'single undertaking' performing road freight transport for hire or reward for which a lower de minimis threshold of EUR 100 000 over any period of three 'fiscal years' applies. The agriculture and fisheries sectors are subject to different thresholds and criteria. For the purpose of this declaration the term 'single undertaking' shall have the meaning as established in *Commission Regulation (EU) No. 1407/2013*. Moreover 'fiscal year' means the fiscal year as used for tax purposes by the undertaking concerned.

This maximum threshold would include all State aid granted under this scheme and any other State aid measure granted under the *de minimis* rule. Any *de minimis* aid received in excess of the established threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

The following is an indicative list of the possible forms of State aid:

- Grants from public bodies
- Loans or loan guarantees at favourable rates
- Tax benefits
- Waiving or deferral of fees or interest normally due
- Marketing and advertising assistance
- Consultancy, training and other support provided either free or at a reduced rate
- Aid for investment in environmental projects or research and development assistance
- Purchase, rent or lease of immovable property at less than market rate.

Potentially any assistance from a public body may constitute State aid. Should you have any doubts whether any public assistance received is *de minimis* aid, you should contact the agency or department from which the assistance was received in order to ascertain this.

DECLARATION

I declare that a comprehensive amount of *de minimis* aid received to date during the current fiscal year and the previous two fiscal years is:

Fiscal Year 2017	Fiscal Year 2018	Fiscal Year 2019	TOTAL
€	€	€	€

A breakdown of the source, type and amount of all *de minimis* aid received as well as that applied for from any State aid grantor, is presented overleaf.

Business Undertaking (Full Legal Name)

VAT Registration Number

Name and Surname (BLOCK CAPITALS)

Position in Establishment

Signature

Date

DETAILED INFORMATION CONCERNING APPLICABLE STATE AID UNDER THE *DE MINIMIS* RULE.

(Note: Information should include both State aid received as well as applications for de minimis State aid still pending approval by potential grantors)

Date	**Source/Grantor**	**Type of State Aid**	**Amount in €**
Eg: 12/01/2014	*Central Government*	*Soft Loan Scheme*	*10,000*

Nru. 1046

BORD DWAR ID-DRITTIJIET TAL-AWTUR

Chairman: L-Avukat Dr. Ivan Sammut M.A. (Fin. Serv), LL.D.
Membri: Is-Sur Frederick Cutajar
Is-Sa Stephanie Pace Hili

Il-11 ta' Lulju, 2019

Deċiżjoni

Fuq talba tas-Soċjetà The Performing Right Society Limited ("PRS") ta' Londra l-Ingilterra, kif dak iż-żmien rappreżentata hawn Malta mill-aġent tagħha s-Soċjetà Dingli Co. International Ltd, preżentata fid-9 ta' April, 2009, wara li premettiet li hija kienet ġiet approvata mill-Copyright Board bħala Collecting Society fid-deċiżjoni tiegħu tal-ħmistax (15) ta' Frar, 2007, kif ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-tnejn (2) ta' Mejju, 2007 (No. 18,071), u li bis-saħħa tad-deċiżjoni suċitata, il-Copyright Board approva t-Tariffi kif proposti mill-PRS, u dawn it-Tariffi kienu wkoll ippubblikati fl-imsemmija ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern.

1. Bl-imsemmija talba l-istess The Performing Right Society Limited isottomettiet għall-approvazzjoni tal-Copyright Board skont il-provvedimenti tal-Avviż Legali Nru. 425 tal-2003, partikolarment skont Sezzjoni 6 tal-imsemmi Avviż Legali, it- Tariffi imsemmija fil-paragrafu 2 hawn taħt għas-sentejn li ġejjin, kronoloġikament effettivi mit-tnejn (2) ta' Mejju, 2009, għall-konsiderazzjoni tal-Bord.

2. Mat-talba ġew preżentati d-dokumenti *ossia* t-tariffi segwenti:

i. Tariff Ġenerali (Tariffa "G");
ii. Tariffa tal-Lukandi (Tariffa "H");
iii. Tariffa tar-Ristoranti (Tariffa "R");
iv. Tariffa tal-Ħwienet u Bejjiegħa bl-Imnut (Tariffa "S");
v. Tariffa għall-Wirjiet Ċinematografiċi (Tariffa "C");
vi. Tariffa għal Xandara u Operaturi bil-Cable (Tariffa "BC");
vii. Tariffa għall-Fornituri ta' Servizzi Online (Tariffa "O"); u
viii. Tariffa għal Vapuri tal-Passiġġieri (Tariffa "PV").

3. Bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 434 ipubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern numru 18,438 tal-11 ta' Ġunju, 2009, il-Bord skont il-liġi, ippubblika t-talba tar-rikorrenti u t-tariffi proposti minnhom, u avża li l-utenti prospettivi jew ir-rappreżentanti tagħhom setgħu joġġezzjonaw fi żmien sittin ġurnata mill-pubblikazzjoni.

No. 1046

COPYRIGHT BOARD

Chairman: Adv. Dr. Ivan Sammut M.A. (Fin. Serv), LL.D.
Members: Mr Frederick Cutajar
Ms Stephanie Pace Hili

11th July, 2019

Decision

Upon a demand made by the Society 'The Performing Right Society Limited' ("PRS") of London, England, as duly represented in Malta by its agent at the time Dingli Co. International Ltd, presented on the 9th of April, 2009, after having premised that it had been approved by the Copyright Board as a Collecting Society in its decision of the 15th February, 2007, as published in the Government Gazette dated 2nd May, 2007 (No. 18,071), and that in virtue of the aforementioned Decision, the Copyright Board furthermore approved the Tariffs as proposed by The Performing Rights Society Limited, and these Tariffs were also published in the aforementioned issue of the Government Gazette.

1. In virtue of the said request, The Performing Right Society Limited submitted for the approval of the Copyright Board in accordance with the provisions of Legal Notice No. 425 of 2003, in particular those of Section 6 of the said Legal Notice, the tariffs mentioned in the below-mentioned paragraph 2 for the following two (2) years, chronologically effective as from 2nd May, 2009 for the consideration of the Board.

2. Together with the applicant's request the following documents were presented, namely the following tariffs;

i. General Tariff (Tariff "G");
ii. Hotels Tariff (Tariff "H");
iii. Restaurants Tariff (Tariff "R");
iv. Shops and Stores Tariff (Tariff "S");
v. Tariff for Cinematograph Performances (Tariff "C");
vi. Tariff for Broadcasters and Cable Operators (Tariff "BC");
vii. Tariff for Online Service Providers (Tariff "O");
viii. Passenger Vessels Tariff Malta (Tariff "PV");

3. By means of Government Notification No. 434 published in the Government Gazette No. 18, 438 dated 11th of June 2009, the Board published according to law the request of the applicant and the tariffs as proposed by them and informed prospective users or their representatives that they could object within the stipulated time frame of sixty days from date of publication.

4. Fi żmien dan it-terminu ta'sittin ġurnata, ġiet ippreżentata oġġezzjoni mis-segwenti utent prospettiv jew mir-rappreżentanti tagħha:

i. Malta Hotels & Restaurants Association (MHRA) datata 2 ta' Lulju 2009 u riċevuta mill-Bord fl-20 ta' Lulju ,2009;

Filwaqt li żewġ oġġezzjonijiet għat-tariffa approvta fil-ħmistax (15) ta' Frar, 2007 kienu ġew ippreżentati lill-Bord fis-sentejn ta' qabel minn:

ii. Calypso Media Communications datata 22 ta' Frar 2008 u riċevuta mill-Bord fis-27 ta' Frar, 2008;

iii. Melita Cable plc datata 25 ta' Frar 2008 u riċevuta mill-Bord fis-27 ta' Frar, 2008.

5. Il-Bord, ra li l-oġġezzjonijiet ta' Calypso Media Communications u ta' Melita Cable plc ġew debitament irtirati, dik ta' Calypso Media Communications permezz ta' email tad-direttur tagħha Frank Camilleri lis-Segretarja tal-Bord datata 12 ta' Lulju 2018 fejn huwa iddikjara li "fil-ġurnata tal-lum jien bħala Radio u TV, għandi agreement mal PRS u m'għandix oġġezzjonijiet" u dik ta' Melita Cable plc mill-konsulenti legali tagħhom kemm waqt is-seduta miżmuma fil-15 ta' Settembru 2009 "stante l-ftehim li l-Melita Cable kellhom mal PRS" kif ukoll għal kull *buon fini* waqt is-seduta miżmuma fl-4 ta' Marzu 2016 ghall-istess raġuni.

6. Ra l-oġġezjoni tal-Malta Hotels & Restaurants Association (MHRA) għan-nom tal-membri hoteliers u restaurants tagħha kif ukoll għall-hotels u restaurants oħra magħmula mill-konsulent legali tagħha datata 2 ta' Lulju 2009 u riċevuta mill-Bord fl-20 ta' Lulju 2009 għar-raġuni li s-sitwazzjoni ekonomika ma tippermettix awment ta' din in-natura f'dan il-perjodu.

L-MHRA sostniet fl-oġġezzjoni tagħha li *"kien hemm ġia effett negattiv mis-sitwazzjoni ekonomika b'piżijiet żejda mis-soltu, riżultat tat-tnaqqis evidenti tat-turisti f'Malta. Dan għandu effett fuq l-andament tal-hotels u restuarants, li għandhom bħala konsiderazzjoni primarja, r-relatat livell ta' servizz u n-numru ta' impjiegi. L-imposizzjoni (ngħidu monopolistikament stante li l-PRS biss s'issa tgawdi liċenzja ta' dan it-tip) ta' piż żejjed ikkrejata lokalment (u anke jekk mhux) taħt iċ-ċirkostanzi preżenti, għalhekk jikkostitwixxi periklu għall-vijabilità ekonomika tal-hotels, għall-ħaddiema tal-istess (ġia minaċċjati bis-sitwazzjoni internazzjonali) u għall-ekonomija lokali: il-ġarra timtela bil-qatra l-qatra. Fl-istat li fih il-hotels qegħdin jiġifieri, bi ftit turisti, il-PRS tkun qed titħallas drittijiet għall-użu tal-mużika meta il-kmamar u l-public areas ikunu vojta".*

4. Within this stipulated time of sixty days, an objection was presented from the following objector or from its representative:

i. Malta Hotels & Restaurants Association (MHRA) dated 2nd July, 2009 and received by the Board on 20th July, 2009;

Whilst in the meantime two objections to the tariffs approved on 15th February 2007 had been presented to the Board in the previous two years by:

ii. Calypso Media Communications dated 22nd February 2008 and received by the Board on 27th February, 2008;

iii. Melita Cable plc dated 25th February 2008 and received by the Board on 27th February, 2008.

5. The Board, noted that the objections of Calypso Media Communications and of Melita Cable plc were duly withdrawn, that of Calypso Media Communications by means of an email from its director Frank Camilleri to the Board Secretary dated 12th July 2018 where he declared that '*presently I have an agreement with PRS as regards radio and TV and do not have objections*' and that of Melita Cable plc through their legal consultant both during the sitting held on 15th Sept 2009 " *due to the agreement that Melita Cable plc had with PRS*" as well as for all effects and purposes of law during the sitting dated 4th March 2016 for the same reason.

6. Noted that the objection of the Malta Hotels & Restaurants Association (MHRA) on behalf of its hotelier and restaurant members and also on behalf of other hoteliers and restaurants made by its legal consultant dated 2nd July 2009 and received by the Board on 20th July 2009 for the reason that the economic situation does not allow a monetary increase of this nature during this period.

The MHRA submitted in its objection that "*there was already a negative effect due to the economic situation with more burdens than usual, a result of the evident decrease of tourists in Malta. This has a direct impact on the operation of the hotels and restaurants, having as their primary consideration, the related level of service and employment figures. The imposition (which we consider as monopolistic since only PRS enjoys such type of licence) of an extra burden created locally (and even if not) under current circumstances, therefore constitutes a danger to the economic viability of hotels, their employees (already threatened by the international situation) and to the local economy: drop by drop the pot fills up. In the situation that hotels are in, with few tourists, PRS would be paid tariffs on music use when the rooms and public areas are empty".*

Inoltre, ta' l-istess jekk mhux ta' iżjed importanza, ma nistgħux ma nenfasizzawx biżżejjed li ma hemm ebda bażi xjentifika u aċċettata u lanqas regola li ġiet mifthiema mill-hotels u mir-restaurants, tal-metodu fuq x'hiex il-ħlas għandu jsir – jiġifieri ir-rati pagabbli dwar public areas, rooms. televisions/radios etc.

Fl-aħħar nett tqajjem ukoll il-punt illi wisq inqas nafu kemm minn dan l-ammont miġbur f'Malta ġie fil-fatt imħallas (u qed jiġi imħallas) lill-artisti lokali, fattur li għandu jiġi wkoll ikkonsidrat bħala ta' ċertu importanza relatat mal-kwistjoni preżenti."

7. Inżammu seduti fil-15 ta' Settembru, 2009, fit-3 ta' Lulju, 2014, fis-17 ta' Lulju,2014, fl-4 ta' Marzu, 2016 u fit-13 ta' Lulju, 2018:

i. Fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2009 il-Bord sama' is-sottomissjonijiet orali tas-sur Frank Camilleri għan-nom ta' Calypso Media Communications, l-avukat Dottor Hugh Peralta għall-Malta Hotels & Restaurants Association u l-Avukat Dottor Kevin Dingli għall-The Performing Right Society Limited. Wara din is-seduta, u kif obbligaw ruħhom li jagħmlu, l-Avukat Dottor Kevin Dingli għall-The Performing Right Society Limited ippreżenta Nota spjegattiva rigward l-Online Tariff fid-29 ta' Settembru 2009 kif ukoll emenda tipografika għall-istess tariffa filwaqt li Dottor Hugh Peralta għall-MHRA ippreżenta Nota b'informazzjoni dwar occupancy and turnover mill-perjodu Jannar 2006 sal-2009. L-emenda tipografika għall-Online Tariff kienet tirrigwarda s-sezzjoni 7.51 fejn id-Dritt annwali minimu għas-Servizzi ta' 'Podcasting' għandu jaqra €0.048 kull 'track' u mhux 4.79c.

ii. Is-seduta tat-3 ta' Lulju, 2014 ma setgħetx issir minħabba teknikalità u fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2014 reġa' għamel is-sottomissjonijiet orali ulterjuri tiegħu l-Avukat Dottor Kevin Dingli għall-The Performing Right Society Limited, filwaqt li fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2016 l-Avukat Dottoressa Jeanine Rizzo li assumiet il-patroċinju ta' The Performing Right Society Limited minflok l-avukat Dingli tat rendikont tal-istat attwali tat-talba tal-istess PRS mentri l-avukat Dottor Simon Galea Testaferrata għall-MHRA iddikjara li l-istess MHRA għadha qed topponi għat-talba tal-PRS.

iii. Fl-aħħar seduta tat-13 ta' Lulju 2018 il-Bord sama' is-sottomissjonijiet orali tal- l-Avukat Dottoressa Jeanine Rizzo għall-The Performing Right Society Limited u tas-sur Tony Zahra, Chairman tal- Malta Hotels & Restaurants Association, kif ukoll ix-xhieda tas-Sur Steve Vassallo, rappreżentant tal-PRS. Fit-3 ta' Settembru 2018 l-Avukat Dottoressa Jeanine Rizzo għall-PRS ippreżżenat Nota b'estratt ta' informazzjoni finanzjarja relatata għal Malta

In addition, of same or even of more importance, we cannot but emphasise enough that there is no scientific agreed basis or regulation that has been agreed with the hotels and restaurants, on the method that payment is to be made - that is, the rates to be applicable for public areas, rooms, televisions/radios etc.

Finally, it was also pointed out that we do not know how much of the amount collected from Malta has actually been paid (and is actually being paid) to the local artists, a factor which needs also to be considered as being of a certain importance to the present matter".

7. Sittings were held on 15th September, 2009, 3rd July, 2014, 17th July 2014, 4th March, 2016 and 13th July, 2018:

i. During the sitting of the 15th September 2009 the Board heard the oral submissions of Mr Frank Camilleri on behalf of Calypso Media Communications, Advocate Dr Hugh Peralta on behalf of Malta Hotels & Restaurants Association and Advocate Dr Kevin Dingli on behalf of The Performing Rights Society Limited. Following this sitting, and as they had obliged to do, on 29th September 2009 Advocate Dr. Kevin Dingli on behalf of PRS filed an explanatory Note with regards to the Online Tariff as well as a typographical amendment to the same tariff, whilst Dr High Peralta on behalf of MHRA filed a Note with information regarding occupancy and turnover for the period January 2006 up to 2009. The typographical amendment to the online tariff was in regard to section 7.51 where the annual minimum fee for the Podcasting Service should read €0.048 for every track and not €4.79c.

ii. The sitting dated 3rd July, 2014 could not be held due to a technicality and during the sitting of 17th July 2014 Advocate Dr Kevin Dingli on behalf of The Performing Rights Society Limited once again made further oral submissions, whilst during the sitting of 4th March, 2016 Advocate Dr Jeanine Rizzo assumed the defence of The Performing Rights Society Limited instead of Dr Dingli and gave a breakdown of the actual state of PRS' request whereas Advocate Dr Simon Testaferrata on behalf of MHRA declared that MHRA is still opposing the request made by PRS.

iii. In the last sitting of 13th July 2018, the Board heard the oral submissions of Advocate Dr Jeanine Rizzo on behalf of The Performing Rights Society Limited and of Mr Tony Zahra, Chairman of the Malta Hotels Restaurants Association, as well as the evidence of Mr Steve Vassallo, a representative of PRS. During the sitting of 3rd September 2018 Advocate Dr Jeanine Rizzo on behalf of PRS filed a Note with an abstract of financial information regarding Malta for the year għas-sena 2017, liema informazzjoni telenka *inter alia* kemm inġabru flus ta' liċenzji mill-PRS minn stabbilimenti Maltin u kemm minnhom ġew ditribwiti lill-membri Maltin u kemm lill-membri oħra. Għalkemm l-MHRA ingħataw żmien biex jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom fuq din l-informazzjoni finanzjarja, il-Bord ma rċieva l-ebda sottomissjoni fiż-żmien utli konċess lilhom.

8. Il-Bord ra d-deċiżjoni tal-Bord kif diversament kompost tal-15 ta' Frar, 2007 li biha approva lill-Performing Right Society Limited bħala collecting society u approva t-tariffi kif ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern numru 18,071 tat-tnejn (2) ta' Mejju, 2007 Avviż tal-Gvern numru 418 u dan wara li *inter alia* kkonsidra li "jidher li s-soċjetà rikorrenti tippossjedi l-kapaċita' u l-affidabilità meħtieġa għall-eżerċizzju ta' l-attività bħala collecting society" u li "Barra milli ma kien hemm ebda oġġezzjoni għat-tariffi proposti mir-rikorrenti, ma jidhirx li dawn it-tariffi huma inaċċettabbli. Di fatti mid-dokument PRS.doc.A jidher li dawn it-tariffi huma bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għal dawk applikabbli f'pajjiżi oħrajn. L-istess tariffi, meħud ġustament kont taż-żieda fl-inflazzjoni, jikkonformaw ruħhom ma' dawk stabbiliti f'April 2002 mid-Diviżjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni tal-Ministeru tas-Servizzi Ekonomiċi, u aċċettati f'Marzu 2004 mill-Malta Hotels and Restaurants Association (v. PRS.doc.B sa PRS.doc.E.)."

9. Ra s-sottomissjonijiet kollha kemm miktuba kif ukoll verbali magħmula mill-partijiet fil-kors ta' dawn il-proċeduri.

Konsiderazzjonijiet

10. L-oġġezzjoni primarja għat-tariffi ġodda proposti mill-PRS f'dawn il-proċeduri hija dik tal-Malta Hotels and Restaurants Association stante li ż-żewġ oġġezzjonijiet l-oħra li saru matul is-sentejn wara li l-ewwel tariffi tal-PRS kienu ġew approvati minn dan il-Bord diversament kompost ġew irtirati. L-MHRA bażikament qed toġġezzjoni għat-tariffi ġodda għar-raġuni li (i) is-sitwazzjoni ekonomika kif kienet fl-2009 ma tippermettix awment ta' din in-natura f'dan il-perjodu u kwalunkwe approvazzjoni għandha ssir irrispettivament minn żjiediet fir-rata ta' inflazzjoni. Ukoll l-MHRA issostni li (ii) ma hemm ebda bażi xjentifika u aċċettata u lanqas regola tal-metodu fuq x'hiex il-ħlas lill-PRS għandu jsir. Fl-aħħarnett, l-MHRA sostniet li (iii) ma nafux kemm minn dan l-ammont miġbur f'Malta ġie fil-fatt imħallas (u qed jiġi imħallas) lill-artisti lokali.

11. Illi l-PRS bażikament laqa' għal dawn l-oġġezzjonijiet b'diversi argumenti fosthom li meta t-turiżmu jkun tajjeb qatt ma jkollhom talba biex jgħollu t-tariffi; li t-tariffa

2017, which information lists *inter alia* how much money was collected from licences by PRS from Maltese establishments and how much of them was distributed to Maltese members and how much was distributed to other members. Although MHRA was given time to make its submissions on this financial information, the Board Government Gazette no. 18,071 dated second (2nd) May 2007 did not receive any submission during the time-period granted to it.

8. The Board saw the decision of the Board differently composed of 15th February, 2007, by which it approved The Performing Rights Society Limited as a collecting society and approved the tariffs as published in the in the Government Notice number 418 and this after *inter alia* it considered that "- it appears that the applicant society possesses the capacity and trust required to exercise the activity of a collecting society" and that "Apart from the fact that there was no objection in regard to the tariffs proposed by the applicants, it does not appear that these tariffs are unacceptable.". In fact from the document PRS.doc.A it appears that these tariffs are more or less equivalent to those applicable in other countries. The same tariffs, justly taking into account of the increase in the rate of inflation, are in conformity with those established in April 2002 by the Consumer and Competition Division of the Ministry of Economic Services, and accepted in March 2004 by the Malta Hotels and Restaurants Association (v. PRS. doc.B to PRS.doc.E.)."

9. The Board saw also all the oral and verbal submissions given by the parties during the course of these proceedings.

Considerations

10. The primary objection to the new tariffs as proposed by PRS in these proceeding was that raised by Malta Hotels and Restaurants Association since the other two objections which were made during the two years subsequent to the approval of the first set of tariffs of PRS approved by this Board differently composed, were withdrawn. The MHRA is basically objecting to the new tariffs for the following reasons (i) the economic situation as it was in 2009 does not allow an increase of such a nature in this period and therefore any approval has to take place independently from any increase in the rate of inflation. Also the MHRA mentions (ii) that there is no scientific accepted basis or rule of the method on which the payment to PRS should be made. Finally, MHRA submitted that (iii) we do not know how much of these amounts collected in Malta has actually been paid (and is actually being paid) to local artists.

11. That PRS basically defended itself against these objections with different arguments amongst which that when the tourism is good there is never a request for tariffs to be

approvata fl-2007 tirrifletti ftehim li intlaħaq bejn il-PRS u l-MHRA fl-2004; li l-PRS għandha "dritt" illi perjodikament tirrevedi t-tariffi fissi mhux dawk perċentwali kull sentejn skont iż-żieda fir-rata ta' l-inflazzjoni kif tradizzjonalment dejjem għamlet; li din iż-żieda hija raġonevoli u ma hijiex ibbażata fuq occupancy levels; u li b'eċċezzjoni għat-tariffi O u PV, it-tariffi l-oħra huma kollha identiċi għal dawk ġia approvati għax kull ma għamlet il-PRS hija li żjiedet biss ir-rati fissi bl-għoli fl-inflazzjoni mentri r-rati perċentwali baqgħu l-istess.

12. Waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju, 2018 l-MHRA ilmentaw ukoll dwar min fejn joħorġu d-drittjijiet li għandhom il-PRS, materja li ġia ġiet approvata minn dan il-Bord diversament presjedut, u li l-PRS ma tawhomx garanzija li jżommuhom *harmless* minn klejms ta' kumpaniji oħra fuq l-istess mertu, xi ħaġa li kif spjegat tajjeb il-konsulent legali tal-PRS legalment ma tistax tingħata jekk mhux biss għal dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-awturi tal-mużika u tal-lirika għax il-PRS ma tkoprix id-drittijiet tal-*performers* u *neighbouring rights* oħra.

13. Illi kif obbliga ruhu waqt is-seduta tal-15 ta' Settembru 2009 Dottor Hugh Peralta għall-MHRA ippreżenta Nota b'informazzjoni dwar occupancy and turnover mill-perjodu Jannar 2006 sal-2009, u ċjoè Dok. MHRA 1 – Survey 2005 – 2009 magħmul minn Deloitte li prattikament juri li l-posizzjoni fit-tieni kwart tas-sena 2009 fuq l-*occupancy* u *income* hija bażikament dik tas-sena 2005 jew agħar. Ġie sottomess ukoll artiklu tat-*Times of Malta* tat-18 ta' Settembru 2009 dwar l-MHRA Quarterly Report ippreparat minn Deloitte u ppreżżentat fis-17 ta' Settembru, 2009 li jindika li s-sitwazzjoni tat-turiżmu fl-ewwel sitt xhur tal-2009 kienet l-agħar tas-sitt snin ta' qabel.

14. Min-naħa tagħhom il-PRS fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva tagħhom ippreżentata fis-16 ta' Ottubru 2009 reġgħu sostnew li t-tariffi għall-lukandi u ristoranti (Tariffi "H" u "R" rispettivament) ma għandhomx ikunu marbutin ma statistika, inkluża dik rigwardanti okkupazzjoni u fatturat, u *inter alia* ssottomettew ukoll li:

i. l-istatistika esebita kienet tirrigwarda biss il-lukandi (u mhux ir-ristoranti);

ii. l-istatistika esebita tirrigwarda u tiffoka biss fuq it-tieni kwart ta-sena 2009;

iii. l-istatistika esebita ma hijiex fil-forma ta' statistika uffiċċjali u tirrapreżenta rapport *ex parte* u għalhekk ma għandhiex tintuża bħala xi bażi xjentifika illi fuqha jiġu fformulati t-Tariffi tal-PRS; u

iv. li huwa imprattikabbli, jekk mhux addirittura perikoluż, illi t-tariffi jvarjaw minn żmien għal żmien skont xi statistika.

increased; that the approved tariffs of 2007 reflect an agreement which was reached between PRS and MHRA in 2004; That PRS has the right to periodically revise the fixed tariffs not those based on percentages every two years according to the rate of inflation as traditionally it has always done; that this increase is reasonable and is not based on occupancy levels; and that with the exception to Tariffs "O" and "PV", the other tariffs are all identical to those already approved and all that PRS has done is that it increased the fixed rates according to the rate of inflation whilst the percentage rates remained the same.

12. During the sitting of 13th July, 2018, MHRA complained also as to from where do the rights of PRS arise, a consideration which has already been approved by this Board differently composed, and that PRS did not give them any guarantee so as to keep them harmless from any claims from other companies on the same merits, something which as was well explained by the legal counsel of PRS legally cannot be given except insofar as this would concern the rights pertaining to the authors of music lyrics because PRS does not cover the rights of performers and other neighbouring rights.

13. That as he obliged to do during the sitting dated 15th September 2009, Dr Hugh Perlata on behalf of MHRA filed a note with information on occupancy and turnover for the period January 2006 up to 2009, i.e. Doc. MHRA 1- Survey 2005 - 2009 compiled by Deloitte which illustrates in practice that the position for the second quarter of the year 2009 on occupancy and income is basically that for the year 2005 or worse. An article on the Times of Malta dated 18th September 2009 regarding the MHRA Quarterly Report prepared by Deloitte and presented on 17th September, 2009 was also exhibited indicating that the tourism situation in the first six months of 2009 was the worst for the previous six years.

On their part, PRS in their Note of Submissions reply filed on the 16th October 2009 submitted again that the tariff for the Hotels and Restaurants (Tariffs "H" and "R" respectively) should not be linked to statistics, including that related to occupancy and revenue, and *inter alia* submitted also that:

i. the exhibited statistics related just to hotels (and not for restaurants);

ii. the exhibited statistics related and focused only on the second quarter of 2009;

iii. the exhibited statistics is not in the form of official statistics and represents a report *ex parte*, and thus should not be used as a scientific basis upon which the PRS Tariffs are to be calculated; and

iv. it is impracticable, if not even dangerous, that the tariffs vary from time to time according statistics.

Ikkunsidrat ulterjorment

15. Illi il-proċeduri li l-Bord għandu quddiemu jittrattaw l-approvazzjoni o meno tat-tariffi proposti mill-PRS għas-sentejn, kronoloġikament effettivi mit-tnejn (2) ta' Mejju, 2009, u ċjoè għal-perjodu 2 ta' Mejju 2009 sal-1 ta' Mejju 2011. Illi ghalhekk dan il-Bord irrid jillimita l-konsiderazzjonijiet tiegħu fuq x'għandhom ikunu t-tariffi għal dak il-perjodu 2009 sa 2011.

16. Illi ukoll dan il-Bord għandu japplika l-liġi kif kienet fiż-żmien tal-applikazzjoni tal-PRS, u ċjoè, l-Avviż Legali 425 tal-2003 ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Kontroll tat-Twaqqif u l-Operazzjoni tas-Soċjetajiet għall-Amministrazzjoni tad-Drittijiet ta' l-Awtur. Sussegwentement kien hemm emendi għal dawn ir-Regolamenti permezz tal-Avviż Legali 80 tal-2010 effettiv mill-1 ta' Jannar 2010, u aktar reċenti daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 239 tal-2016 li ttraspona d-Direttiva 2014/26/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 Frar 2014 dwar amministrazzjoni kollettiva tal-awtur u drittijiet relatati u liċenzjar multi-territorjali tad-drittijiet f'xogħlijiet mużikali għall-użu onlajn fis-suq intern.

17. Illi r-regolament 6 tal-Avviż Legali 425 tal-2003 kien jistabbilixxi li:

"(1) Tariffa approvata għandha tkun effettiva għall-perjodu ta' sentejn kalendarji mid-data meta tkun ġiet pubblikata fil-Gazzetta.

(2) Wara li jgħaddu s-sentejn speċifikati fis-subregolament (1), il-collecting society għandha tippreżenta t-tariffi għas-sentejn ta' wara lill-Bord, li għandu mbagħad jikkunsidrahom skond il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk it-tariffa proposta tkun identika għat-tariffa ta' qabel, din tiġi approvata mill-Bord:

Iżda jekk xi oġġezzjonijiet għat-tariffa jkunu ġew ippreżentati lill-Bord fis-sentejn ta' qabel, il-Bord għandu jħalli lill-collecting society twieġeb għal dawk l-oġġezzjonijiet, u wara li tingħata l-konsiderazzjoni dovuta lill-oġġezzjonijiet u tweġibiet rilevanti, il-Bord għandu kemm jista' jkun malajr japprova jew jirrifjuta t-tariffa proposta.

(b) jekk it-tariffa proposta tinkludi reviżjonijiet tat-tariffa preċedenti, il-Bord għandu jittrattaha skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 5 (1) sa (3) li għandhom x'jaqsmu mat-tariffi."

18. Ir-regolament 5 (1) sa (3) kien jipprovdi hekk:

"(1) Kemm jista' jkun malajr wara li jirċevi t-talba għall-approvazzjoni ta' collecting society, il-Bord għandu

Considered further

